MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 598/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru, tas-sena elf disa mija wiehed u disghin (21.12.1991) (Ara c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. RG 1')

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, cioe` K fit-tmienja ta' Frar tas-sena elf disa` mija erbgha u disghin (08.02.1994) u S li twieled fil-wiehed u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa mija tmienja u disghin (21.03.1998) biex

b’hekk huma ghandhom tmintax (18) u erbatax (14)-il sena rispettivament;

Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, huma sodisfatti stante:

i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk de facto separate, sa minn Awwissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), filwaqt li ilhom legalment separati sa mis-sitta u ghoxrin ta’ Settembru tas-sena elfejn u sebgha (26.09.2007) in forza ta’ kuntratt redatt min-Nutar Nicholas Vella (Ara l-kuntratt ta’ separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala ‘Dok. RG 2’);

ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

iii. Illi ai termini tal-klawsola numru erbgha (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni datat 26 ta’ Settembru, 2007 (Dok. RG 2), filwaqt li r-rikorrenti rrinunzja ghad-dritt li jesigi manteniment minghand l-intimata, l-istess intimata rrinunzjat hija ukoll ghad-dritt li tesigi manteniment minghand ir-rikorrenti u dan wara li jkun iddekorra t-terminu ta’ sentejn mid-data tal-imsemmi kuntratt. Is-sentejn hawn appena msemmija ilhom li ddekkorrew u ghalhekk, illum il-gurnata hadd minnha ma jista` jesigi manteniment minghand il-parti l-ohra.

iv. Illi ai termini tal-klawzola numru tmintax (18) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni (‘Dok. RG 2’), l-esponenti obbliga ruhu a favur tal-intimata illi jhallas favur il-minuri Kyle u Steve l-ammont ta’ tmenin lira Maltin (Lm80) pari ghal mija sitta u tmenin euro u hamsa u tletin centezmu ta’ euro (€186.35) ghal kull wiehed minnhom bil-quddiem bhala manteniment, liema obbligu dejjem gie mwettaq minnu b’mod regolari;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala ‘Dok.RG3’.

5. Illi ghall-finijjiet tal-Artikolu 66N(1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f'Malta;

Talab, li l-intimata in vista tas-suespost, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fil-21 ta' Dicembru 1991;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu tas-sena 2007 u legalment separati minn 26 ta' Settembru, 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------